# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 559

It-Tlieta, 25 ta' April, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, f'12.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier (daħal minn fuq Microsoft Teams)

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 559.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġija

Is-Sinjuri Frankie Attard u Abigail Micallef talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol u edukazzjoni. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 559.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa numru 557 u 558. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 559.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

559.3.1 Is-Sindku spjega illi se jsir Day Care Centre iżda mhux se jkun Night Shelter ukoll għaliex m'hemmx wisa' biżżejjed.

559.3.2 Il-Kunsill Lokali irċieva talba mingħand Voice for Inclusion Association sabiex isiru sessjonijiet tal-awtiżmu ġewwa il-waiting room tal-berġa. DSan dejjem temporanjament sakemm isibu post ieħor.

559.3.3 Transport Malta approvat l-applikazzjoni ta' parking management fi Triq l-Avukat Anton Calleja.

559.3.4 It-talba li kien għamel il-Kunsill sabiex issir parking bay għal minibus fi Triq it-Torri ġiet approvata minn Transport Malta.

559.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi qed naħdmu sabiex isir ġemellaġġ ma’ Soriano nel Cimino.

559.3.6 Is-Sindku qal illi irċevejna stedina sabiex jitilgħu rappreżentanti minn Ta’ Kerċem għal folk festival ta’ Isernia ġewwa l-Italja. Waqt din iż-żjara ser issir laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-post sabiex naraw x'tip ta' relazzjoni nistgħu nibnu bejn iż-żewġt irħula.

559.3.7 Id-Dipartiment għal-Gvern Lokali bagħat il-kuntratt il-ġdid tal-Animal Steward li issa ġie mġedded għal 18-il xahar ieħor.

559.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali illi għada ħa jibda iż-żbir tas-siġar ta' quddiem l-iskola u xi siġar oħra madwar ir-raħal.

559.3.9 Is-Sindku rringrazzja lid-Direttur Ġenerali Vicky Xuereb illi tat l-għajnuna tagħha min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex sabiex issir it-twittija tat-triq fejn l-Għadira.
Is-Sindku qal li saret talba lill-Kunsill sabiex issir kaxxa għal disabled parking fi Pjazza Orvieto. Il-Kunsill Lokali iddeċieda illi japplika ma' Transport Malta.

## 559.4 SPI/SCI/1/2023 – Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024

Is-sindku reġa' tkellem dwar din l-applikazzjoni. Il-Kunsill Lokali iddiskuta u ddeċieda illi japplika għal dawn il-fondi sabiex issir l-attività tal-Milied 2023. L-istima tal-attività ser titla għal madwar Eur30,000. Il-Kunsill Lokali qabel li se jkun qed jiffinanzja 15% tas-somma globali tal-ispiża l-attività kollha. Il-kunsill qed jagħmel riżoluzzjoni illi ser japplika għal din l-iskema hekk kif imsemmi hawn fuq.

## 559.5 SPI/SCI/2/2023 – Servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali

Il-Kunsill Lokali qabel illi mhux ser japplika għal din l-iskema.

## 559.6 Inawgurazzjoni tal-van tal-komunità u servizzi li ser jingħataw

Is-Sindku spjega illi huwa diġà tkellem maż-żewġ skejjel primarji li hawn ġewwa Ta' Kerċem sabiex jekk ikollhom bżonn jagħmlu użu tal-van tal-komunità jinfurmawna u nagħtuhom is-servizz. Ġie diskuss x'tip ta' servizzi oħra ser jingħataw b'din l-istess van. Ġie deċiż illi għandhom jingħataw servizzi għal sptar, saħħa, edukazzjoni, tfal u forsi anke xi ħadd li jkollu bżonn trasport biex jinżel għand it-tabib ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku.

## 559.7 Fiera tal-Għadira 2023

Is-Sindku qal li erġajna tajna l-kontribut tagħna bħalma sar fis-snin li għaddew. Tajna ftit aktar mis-soltu għaliex din is-sena intramat it-tinda għal waqt il-fiera u l-van tal-komunità kienet ukoll disponibbli. Huwa rringrazzja lill-Għaqda Għajn Tuta għaliex ramaw it-tinda b'xejn. Huwa żied jgħid illi biex għamlu dan, l-Għaqda ħarġet Eur4,000 minn tagħha. Hawnhekk, is-Sindku wera d-dispjaċir tiegħu illi il-Kumitat tal-Festa u l-Kappillan ma rringrazzjawx lill-Kunsill Lokali u lill-Għaqda Għajn Tuta fuq il-post tagħhom fuq facebook. Huwa enfasizza li min qed jgħid li miegħu ma jaħdimx qed jiżbalja għax huwa għandu l-bibien beraħ għal kulħadd. Huwa talab lil dawk preżenti sabiex jekk verament iħossu li ma jingħatawx l-opportunità li jaħdmu f'dan il-kunsill huwa l-mument opportun li jitkellmu. Hawn tkellem is-Sur Elvin Grech li qal li mas-Sindku dejjem ingħata ċ-ċans u ħadem spalla ma' spalla filwaqt li l-Viċi-Sindku ikkumenta illi min jgħid dan il-kliem huwa għax fil-verità ma jrid jagħmel xejn. Ma' dan qabel ukoll is-sur Horace Vella.

## 559.8 Tiġdid tal-kuntratt tal-Animal Steward

Kif issemma qabel, id-Dipartiment għal Gvern Lokali bagħat il-kuntratt il-ġdid tal-Animal Steward. Dan ġie ffirmat għal 18-il xahar ieħor.

## 559.9 Miżura 3

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-attivita' ser nippruvaw nagħmluha fit-2 ta' Settembru 2023. Huwa maħsub li nġibu show bin-nar sinkronizzat u bands stabbiliti. Din ser tinżamm fi Triq Qasam San Ġorġ.

## 559.10 Miżura 4

Is-Sindku spjega illi tlabna estensjoni tal-proġett. Fil-jiem li ġejjin ser toħroġ il-kwotazzjoni għas-siġar u x-xitel, u l-bankijiet qegħdin jinħadmu.

## 559.11 Ilmenti u Suġġerimenti

559.11.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li noħorġu offerta ta' electrician peress li mhux dejjem qed ninqdew fil-ħin għall-bżonnijiet li jkollna. Il-Kunsill qabel ma' dan.

559.11.2 Il-Kunsill Lokali approva il-performance bonus tas-sur Geroge Refalo li kien serva bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

559.11.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi qed tidher ħsara fit-triq ġewwa Pjazza Salvatore Busuttil. It-triq tidher qed tinfetaħ u hemm il-mina tidher li qiegħda fi stat ħażin. Għalhekk informajna lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jevalwa l-ħsara li hemm u titranġa mill-aktar fis biex nevitaw xi inċidenti.

559.11.4 Saret talba mingħand Kerċem Ajax FC sabiex jinxtraw 80 medalja li jiswew Eur1.15 il-waħda. Dawn ser jintużaw għall-Kerċem Tournament. Il-Kunsill Lokali ma sabx oġġezzjoni li jinxtraw.

559.11.5 Il-Kunsillier Elvin Grech ġibed l-attenzjoni illi kull sena fi żmien l-Għid qed tintrama struttura għall-irxoxt fi Triq San Girgor mill-Għaqda tan-Nar. Dawn qed jibdew jarmaw mit-Tnejn sabiex l-attivita tkun il-Ħadd, bil-konsegwenza illi qed jiskomodaw lir-residenti, apparti il-periklu li qed jinħoloq fit-triq. Wara diskussjoni, il-Kunsill Lokali qabel unanimament li mis-sena li ġejja il-permess joħroġ mis-Sibt għall-Ħadd. Jekk ma jaċċettawx min-naħa tal-Għaqda tan-Nar, noffrulhom li jsibu post ieħor.

## 559.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 559.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fis-1pm u ġiet aġġornata għas-26 ta’ Mejju, 2023 fis-2pm ta’ wara nofsinhar.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv